# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## Laqgħa Nru. 56/2016

Data: 6 ta' Lulju 2016

Hin: 6.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati:

Assenti:

---

## AĠENDA

### 1. Talba

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tal-55 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-55 Laqgħa.

**2.1.1** Minuta 4.1 minflok il-kelma "spejga" issir "spjega".

2.1.2 Minuta 4.2 wara "lis-Sur Bjorn" jiżdied il-kunjom "Formosa tal-".

Il-minuti ġew approvati wara li ġew ikkoreġuti

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li minhabba l-fatt li wara l-4.30pm ma jkun hawn ħadd mill-ħaddiema fil-bini tal-Kunsill ser tkun impossibbli sabiex isiru l-lezzjonijiet tal-Lifelong Learning. Għaldaqstant wara diskussjoni ġie deċiż li dawn il-lezzjonijiet għandhom isiru is-Sibt filgħodu bejn 8.00 am u 11.00 am. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibagħat email b'din il-kommunikazzjoni lil-Lifelong learning u jinfurmhom b'din id-deċiżjoni.

Il-Membri qablu unanimament.

3.2 Minuta 4.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li wara konsultazzjoni li kellu mal-avukat tal-Kunsill Dott. Joseph Sammut kien hemm qbil sabiex l-istess avukat jikkomunika ma' Transport Malta dwar li tkissret minn Denfar Ltd wara li l-istess Triq il-Madonna tal-Karmnu kienet ġiet asfaltata mill-istess kuntrattur.

3.3 Minuta 4.3 – Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega dwar il-laqgħa li attenda dwar il-Mobility Week. Is-Segretarju nforma lill-membri tal-Kunsill li ser ikunu magħzula 4 kunsilli (Kunsill minn Għawdex u 3 minn Malta) sabiex jingħataw l-għajnuna finanzjarja wara li l-kunsill jissottomettu l-applikazzjoni tiegħu.

3.4 Minuta 7.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li fil-laqgħa li jmiss ser jippreżenta żewġ tenders sabiex b'hekk waqt l-istess laqgħa jingħazel liema tender ser ikun ippubblikat. Is-Sindku irrimarka li il-Kunsill irid joħroġ tenders oħra imma minhabba l-fatt li inbidlet is-sistema u saret waħda elettronika għad irid isir it-taħriġ meħtieġ fuq l-EPPS.

3.5 Minuta 9.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li waqt il-laqgħa li kellu mal-avukat tal-Kunsill Dott. Joseph Sammut ġie diskuss sabiex tkun analizzata l-possibbilta' li ssir Bye law fuq il-ħatt tal-containers.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand id-Direttur ta' Il-Bebbuxu Child care Centre ta' Triq San Pawl ~~il-Kbira~~ fejn qed tintalab sabiex issir tabella li tindika fil-bidu tat-Triq li tindika li hemm skola. Is-Sindku rrimarka li hu m'għandux oġġezzjoni sabiex il-Kunsill jagħmel tabella bħal din.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza minghand il-Fondazzjoni Wirt Vendriż sabiex fid-19 ta' Lulju, issir bibita' fi ġnien Romeo Romano minħabba li ser jitella' programm f'ġieħ Dun Xand Cortis.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreguti.

PV 193 pagabbli lil Jimmy Muscar jiġi jinqara €258.18
PV 196 pagabbli lil Peppin Garage Ltd ta' €88,50 jiġi kkanċellat.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 40 sa lment numru 51.

| | |
|---|---|
| 40 | Xogħol sar |
| 41 | Ħaddiema Assenjati |
| 42 | Nieħdu parir mingħand il-Perit. |
| 43 | Ħaddiema Assenjati |
| 44 | Ħaddiema Assenjati |
| 45 | Ħaddiema Assenjati |
| 46 | Ħaddiema Assenjati |
| 47 | Contract Manager |
| 48 | Ħaddiema Assenjati – Triq kollha |
| 49 | Transport Malta |
| 50 | MicaMed |
| 51 | Qegħfin skont il-Linji Gwida maħruġa minn Transport Malta |
| 52 | Talba għal slow markings fi Triq l-Istampaturi u mera fl-istess triq kantuniera ma' Triq il-Mastrudaxxi |
| 53 | Mera faċċata tal-garage tal-Iskola |
| 54 | Tabella fi Triq il-Blata l-Kaħla biex tiċċaqlaq. |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(a) Management Letter Reply

Is-Sur Christian Farrugia spjega fid-dettal il-Managment reply lill-Membri tal-Kunsill sabiex b'hekk tasal għand in-National Audit Office fil-ħin skont kif inhu stipulat fil-liġi.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona il-Management reply filwaqt lis-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

### 7(b) Quarterly Report April 2016 – Ġunju 2016

Is-Sur Christian Farrugia spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn April u Ġunju 2016. Ġie nnutat li ċerti Financial Commitments ma kienux imniżżlin u għaldaqstant kien hemm qbil sabiex dan ikun rivedut.

**7(ċ) Tender – SVLC/T/02/2016**

Is-Sindku nforma lill-membri li sar l-aġġudikazzjoni tat-Tender *for the Supply, planting and delivery of decorative outdoor pots.* Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jaqra r-rapport. Is-Segretarju ppreżenta u qara r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn wara li ġew skrutinjati t-tlett offerenti li kienu Jeffrey Debono (Jardinland), Aaron Vella (Piscopo Gardens) u Progressive Solutions Ltd, il-membri tal-bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li din it-Tender għandha tingħata lil Aaron Vella (Piscopo Gardens) minħabba li kien l-irħas offerant.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku din r-rakomandazzjoni filwaqt lill-membri preżenti qablu unanimament.

Is-Sindku nforma lis-Sur Silvio Vella sabiex flimkien mal-Works Manager janalizza l-qisien tal-pots skont il-lokazzjoni ta' fejn ser jitpoġġew dawn il-pjanti. Is-Sindku qal li huwa ferm importanti li l-maġġoranza ta' dawn il-pots jitpoġġew fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

**7(d) Festa Santa Venera**

Is-Sindku nforma lill-membri li bħal ma sar fi snin ta' qabel il-Kunsill irid jieħu ħsieb:

- Mowbajl toilets,
- Tindif bil-bowser fi Triq il-Kbira San Ġużepp f'dawn il-ġranet:
    I. il-Ħadd 31 ta' Lulju filgħodu kmieni
    II. il-Ħadd 31 ta' Lulju wara il-marċ ta' filgħodu
    III. it-Tnejn 1 t'Awwissu filgħodu kmieni
- Meters tad-dawl temporanji,
- 3 bukketti fjuri – Knisja qadima, Knisja Parrokkjali u quddiem l-istawa ta' Santa Venera fi Triq Misraħ Santa Venera,
- Jitpoġġew il-bollards ta' Triq il-Kbira San Ġużepp fejn kull għaqda trid tinnomina persuni sabiex jieħdu l-inkarigu li jagħlqu it-triq.
- Jitwaħħlu t-tabelli tat-*traffic diversion,*
- Isir żbir tas-siġar fil-parti li ser jinħaraq in-nar tal-art fi Triq il-Kbira San Ġużepp

Il-Membri qablu unanimament

## 8. Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati;

**8.1** Ma kienux preżentati l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 9. Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar l-ittra formali li rċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill dwar ir-riżenja tiegħu minn Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla jgħid lis-Segretarju ser jibqa' jaħdem fil-kunsill sa' Awwissu 2016. Is-Sindku b'dispjaċir talab lis-Segretarju sabiex tinħareġ is-sejħa għal Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku ppropona sabiex is-Segretarju attwali jibqa' jeżerċita bħala Deputat Segrearju Ezekuttiv sakemm ikun maħtur is-Segretarju Ezekuttiv il-ġdid.

Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 t'Awwissu, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 8/8/2016